# NIKOL BIANCARDI

Fit-13 ta' Lulju 1969 miet, f'daru ġewwa tas-Sliema, wieħed mill-ewwel membri li ffurmaw il-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti: NIKOL BIANCARDI. Huwa baqa' sa l-aħħar Membru akkademiku ta' dina l-Għaqda u għal bosta u bosta drabi kien Membru tal-Kunsill.

Nikol miet ta' 65 sena huwa kien twieled il-Belt Valletta fil-10 ta' Marzu 1904; kien miżżewweġ lil Mary Sciberras li bosta għadhom jiftakru l-ħila tagħha bħala attriċi drammatika.

F'dik li hija arti teatrali Nikol beda l-karriera tiegħu mal-Kump. "Cittadini" u wara kien membru ta' l-"Indipendenza" taħt it-treġija ta' Mikiel Anġ Borg. Ma damx ħafna ma sar is-suġġeritur ta' din il-Kumpanija u l-ħila tiegħu f'din is-sengħa kienet hekk kbira li l-istess Professur Gustu Bartolo talbu jissuġġerixxi l-"Geisha" u operetti oħra.

Nikol Biancardi jibqa' mfakkar bħala fundatur tal-Għaqda "Bajda u Ħamra" li ħoloq bil-għan li tniedi konkorsi filodrammatiċi bħal inkoraġġiment għall-kumpaniji ta' dawk iż-żminijiet (1946); din il-għaqda tefgħet il-bażi għar-reċitar modern bil-malti u ħolqot l-idea għal Teatru Nazzjonali fostna. Nikol kien magħmul Membru ma' tul ħajtu tal-Malta Drama League.

Meta r-Rediffusion ħolqot l-ewwel Panel, Biancardi kien wieħed mill-erbgħa membri ta' dan il-panel. F'żgħożitu qaleb għall-Malti d-dramm franċiż *"Papà Lebonnard"* u kiteb il-kummiedja soċjali *"Il-Burraxka"*; huwa kien awtur ukoll ta' bosta sketches, poeżiji serji u umoristiċi, artikoli f'ġurnali lokali u bosta oħra f'rivisti u almanakki.

F'dak li huwa ġurnaliżmu Nikol Biancardi kien wieħed minn ta' quddiemnett. Huwa kien fuq l-istaff tal-"Labour Opinion" u tal-"Kotra" kif ukoll kollaboratur tad-"Dr. Xekkek" li baqa' fidil lejh sa l-aħħar.

Meta spiċċa dan il-folju Biancardi daħal fi Strickland House u kien jaħdem b'ruħu u b'ġismu, ma' tul il-gwerra kollha, fuq il-ġurnali maħruġa minn dik l-istamperija. Bosta drabi gemgem miegħi li kien jagħmel dak ix-xogħol kollu li ħaddieħor kien jieħu l-unur tiegħu.

Ma' tul il-gwerra Biancardi kien il-kommentatur ta' l-aħbarijiet minn fuq ir-Rediffusion u dam jaqdi dan id-dmir sal-1943.

Mill-1949 sal-1959, għal għaxar snin sħaħ, huwa kien Ċensur tal-Films.

Fl-1922 kien wieħed milli ħolqu l-Kumitat distrettwali Laburista tal-Belt Valletta u ma biddel qatt l-ideali tiegħu.

Issa Nikol Biancardi ma għadux aktar fostna biex jagħtina t-twissijiet tiegħu u jgħinna fejn jista', iżda ismu jibqa' dejjem quddiemna bħala wieħed mis-suldati ta' l-ilsien Malta u wieħed minn ta' quddiemnett.

GINO MUSCAT-AZZOPARDI.